MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 403/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Tristan Falzon**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis*, Tristan Falzon u *omissis* talli:

1(a) nhar-il 25 ta' April 2004, f'xit-3.30 ta' wara nofsinhar, waqt li kienu fl-inhawi ta' Ghar Lapsi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe` li minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja tal-Kuntistabbli 882 John Falzon, u l-Kuntistabbli 305 Alfred Gauci f'periklu car, ikkagunawlhom offizi ta' natura gravi u permanenti, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw

bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

1(b) fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra l-persuna tal-Kuntistabbli 882 John Falzon, u l-Kuntistabbli 305 Alfred Gauci, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi;

1(c) fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ingurjaw, heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 882 John Falzon, u l-Kuntistabbli 305 Alfred Gauci, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

1(d) fl-istess data u cirkostanzi, waqt li kienu fl-inhawi ta' Ghar Lapsi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP-026, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. nhar-il 25 ta' April 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) fil-Marsa, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-8.00 ta' filghaxija ta' l-24 ta' April 2004 u t-3.00 ta' wara nofsinhar tal-25 ta' April 2004, ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), hin, mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Cutajar minn Birkirkara;

(b) waqt li kienu f'Birkirkara, ghall-habta tas-2.15 ta' wara nofsinhar ikkommettew serq ta' oggetti u cioe`

baskett li kien fih *mobile phone* u cwievet, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika) ghad-detriment ta' Maria Deguara minn Birkirkara;

(c) fl-istess data, waqt li kienu f'Birzebbuga, ghall-habta tat-2.50 ta' wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe` gizirana bis-salib, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bil-vjolenza (numerika), ghad-detriment ta' Rita Dalli minn Hal-Luqa;

(d) fl-istess data, waqt li kienu f'Hal-Tarxien, ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe` gizirana u domna, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika) ghad-detriment ta' Carmen Bonello, anzjana ta' aktar minn 65 sena mill-Fgura;

3. nhar-il 25 ta' April 2004, ghall-habta tat-3.30 ta' wara nofsinhar, waqt li kienu fl-inhawi ta' Ghar Lapsi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525, liema hsara li ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltija imma hija izjed minn hamsin lira Maltija, saret ghad-detriment ta' John Cutajar minn Birkirkara;

4. fl-istess data u cirkostanzi saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 li ma kinitx koperti b'polza ta' sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni;

5. nhar-il 25 ta' April 2004 u matul il-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

6. nhar-il 25 ta' April 2004, f'dawn il-Gzejjer, saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 b'manjiera traskurata u perikoluza;

7. fl-istess data u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, saqu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAG-525 b’velocita` eccessiva;

8. fl-istess data u cirkostanzi fiz-Zurrieq, naqsu li jieqfu fuq is-sinjali tad-dawl, meta dawn kienu juru kulur ahmar;

9. fl-istess data u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` diversi membri tal-korp tal-Pulizija, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor bla jedd, indahlu fi dmirhom, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi giebu fix-xejn jew hassru dak li kienu ghamlu skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun;

….

13(a) Lil Tristan Falzon wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(b) kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta meta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta nhar-id 9 ta’ Frar 2004, gie misjub hati ta’ reat u kkundannat ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija, liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta’ erba’ snin, u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna s-sospensjoni ta’ kull licenzja tas-sewqan tal-imsemmi Tristan Falzon ghal dak il-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280, 281 u 338(ee) u

28A sa H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Tristan Falzon hati ta’ l-imputazzjonijiet immarkati bhala 2(a)(b(c), 9, 13(a) u 13(b) u kkundannatu tliet snin prigunerija. Inoltre ordnat li l-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin li huwa nghata permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Frar 2004 tidhol fis-sehh mid-data tas-sentenza appellata sabiex b’hekk Tristan Falzon irid jiskonta kumplessivament hames snin prigunerija. L-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imputazzjoni mmarkata bhala 5 stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta’ serq li taghhom l-istess Tristan Falzon instab hati taghhom, u ddikjaratu mhux hati tal-bqija ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom. Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnat li sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub, ihallas lir-Registratur tal-Qorti terz mis-somma ta’ erba’ mitt euro u erbghin centezmu (€400.40) rapprezentanti spejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dawn il-proceduri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Tristan Falzon ipprezentat fis-6 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet immarkati bhala 2(a)(b)(c) u 9, tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra hekk kif dedotti kontra tieghu, u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet immarkati bhala 13(a) u 13(b) u kkundannatu ghall-piena ta’ tliet (3) snin prigunerija, kif ukoll tirrevokaha fejn ordnat li l-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin li huwa gie kkundannat permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Frar 2004 ghandha tidhol fis-sehh mid-data tas-sentenza appellata, u subordinament tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant Tristan Falzon huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ghalkemm l-ewwel Qorti sabitu hati li sar recidiv u li kkommetta reat iehor waqt perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, din l-istess sentenza sospiza kienet diga` giet reza effettiva permezz ta’ sentenza ohra, u ghaldaqstant ma ghandux jiskonta doppjament ksur ta’ sentenza sospiza li tirrendieh ukoll recidiv meta dan fil-fatt ikun diga` skontaha; (2) li l-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja. Konguntivament mal-piena ta’ prigunerija msemmija, huwa ghamel programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u huwa jitqies bhala storja ta’ success fil-Komunita` ta’ Santa Marija. Ghadu jattendi ghal programm tas-SEDQA u jehtieg *counselling* u *urine testing* regolari, u l-psikjatra ssuggeriet li jitqieghed taht il-harsien ta’ ufficjal tal-*probation*. Illum il-gurnata huwa rriforma ruhu u piena effettiva ta’ prigunerija tkun kontro-produttiva.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun. Kif anke kkonfermat mill-Avukat Generali bin-nota tieghu tas-27 ta’ Jannar 2011, din il-Qorti kif presjeduta bis-sentenza taghha ta’ l-10 ta’ Gunju 2009 kienet ordnat li s-sentenza ta’ sentejn prigunerija moghtija bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Frar 2004 tibda fis-sehh. Ghalhekk, ghalkemm jirrizulta illi r-reati li l-appellant instab hati taghhom gew kommessi matul il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, galadarba dik is-sentenza sospiza diga` ngabet fis-sehh – u dan ferm qabel ma nghatat is-sentenza appellata – l-ewwel Qorti ma setghetx tordna mill-gdid il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta’ prigunerija msemmija u kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dak l-addebitu.

Kwantu ghall-piena ta’ tliet snin prigunerija li ghalihom l-appellant gie kkundannat dwar l-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati, jigi l-ewwelnett ribadit li in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-

limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[1]

Issa, il-piena applikabbli in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet enumerati 2(a)(b)(c), hi dik ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin mizjuda bi grad ghal tlettax-il xahar sa erba' snin jew zewg gradi ghal tmintax-il xahar sa hames snin. In kwantu mbaghad li si tratta ta' reat kontinwat, il-piena tista' terga' tizdied bi grad iehor ghal sentejn sa sitt snin jew zewg gradi ghal tliet snin sa disa' snin.

L-appellant instab hati wkoll li sar recidiv. Mis-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti sabitu hati kif akkuzat skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali in vista tas-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellant mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Frar 2004 li permezz taghha kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Filwaqt illi l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali peress illi sabiex tapplika dak l-artikolu l-hati jrid ikun skonta l-piena – u meta tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija l-piena tigi skontata meta jkun iddekorra l-perijodu operattiv kollu – hija setghet xorta tapplika l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali peress illi l-applikabilita` ta' dak l-artikolu jiddependi minn jekk il-hati jkunx diga` gie kkundannat dwar serq – u meta tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija, din tiswa bhala kundanna. Skond l-artikolu 289 imsemmi, piena tista' tizdied sa tliet gradi. Barra minn hekk din il-Qorti tosserva illi ma giet inflitta ebda piena dwar il-kontravvenzjoni li taghha l-appellant instab hati u enumerata numru 9.

Fid-dawl ta' dan kollu m'hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ta' tliet snin prigunerija hi ghalhekk entro l-parametri tal-ligi.

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta' Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

L-appellant pero` jissottometti illi f'dan l-istadju ta' hajtu wara li ghamel programm ta' rijabilitazzjoni u qieghed fi stadju ta' *re-entry*, sentenza ta' prigunerija tkun kontro-produttiva. Din il-Qorti semghet b'attenzjoni x-xiehda ta' Vicky Scicluna u ta' Brian Camilleri u ezaminat ir-rapport ta' Corinne Coleiro. Inoltre rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-10 ta' Gunju 2009 li permezz taghha kienet ingabet fis-sehh is-sentenza sospiza ta' prigunerija msemmija. Dik is-sentenza kienet inghatat wara denunzja ta' l-ufficjal sorveljanti fit-termini ta' l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali wara li l-appellant kien gie sospiz mill-programm residenzjali ta' Santa Marija gewwa Hal-Luqa wara li kiser kundizzjoni ta' l-istess programm. Fis-sentenza taghha din il-Qorti kienet qalet: "Jekk Tristan Falzon ghandu xi motivazzjoni sabiex jerga' jaghmel tentattiv ahhari biex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni, dan jista' jaghmlu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin."

Mix-xhieda u rapport imsemmijin, jirrizulta illi l-appellant uzufruwixxa minn din is-sentenza bl-ahjar mod li seta' peress illi fis-7 ta' Dicembru 2009 – kwazi sitt xhur wara li beda jservi s-sentenza ta' prigunerija – gie ammess fil-Komunita` Santa Marija. Nonostante li s-sentenza ta' prigunerija giet meqjusa bhala skontata fid-9 ta' Ottubru 2010, l-appellant baqa' volontarjament fil-Komunita` sad-9 ta' Dicembru 2010 u issa jinsab fil-perijodu ta' *re-entry* li jdum hames xhur. Xi granet jorqod il-Komunita` u granet ohra d-dar. Jattendi sessjonijiet ta' *counselling* f'Dar Gubbio kull gimgha, jaghti kampjuni ta' l-urina li s'issa kienu kollha negattivi ghad-droga u, filwaqt illi qieghed jahdem fin-negozju tal-familja, qieghed f'kuntatt ma' l-ETC biex isib xoghol alternattiv. Brian Camilleri xehed li l-i*staff* li kienu diga` hadmu ma' l-appellant fil-passat, peress illi l-appellant kien ghamel tentattivi ohra li ma rnexxewx, jaraw differenza kbira bejn dan l-ahhar programm u l-programmi ta' qabel peress illi "jidher hafna aktar motivat, hafna aktar iffokat fuq l-affarijiet li jaghmel".

Jidher li wahda mir-ragunijiet li wasslet lill-ewwel Qorti biex timponi sentenza ta' prigunerija kien il-fatt li fil-mori tal-proceduri l-appellant kien inghata l-opportunita` jibda

programm ta’ rijabilitazzjoni biex jipprova jeghleb il-problema ta’ l-abbuz tad-droga izda ma kompliex. L-istampa hi issa kompletament differenti. Mhux hekk biss izda issa wasal iz-zmien li l-appellant jikkontribwixxi xi haga lis-socjeta` billi jaghmel servizz fil-komunita`, filwaqt illi titkompla s-sorveljanza tieghu billi jinghata ordni ta’ probation u servizz fil-komunita`, u dan wara li l-ufficjal tal-*probation* Miriam Sevasta ddikjarat illi l-appellant huwa eligibbli u l-appellant stess indika li huwa lest joqghod taht tali ordni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-addebitu ta’ recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u minflok ma ssibux hati ta’ tali addebitu u tilliberah minnu, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu tliet snin prigunerija u in kwantu ordnat li l-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin li huwa nghata permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Frar 2004 tidhol fis-sehh mid-data tas-sentenza appellata sabiex b’hekk l-appellant Tristan Falzon irid jiskonta kumplessivament hames snin prigunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-imsemmi Tristan Falzon jitqieghed taht ordni ta’ *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta’ servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghall-massimu permess mill-imsemmi artikolu 18 ta’ mitt siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta’ l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu ma’ l-ordni jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------